MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 302/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christian Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christian Sammut talli:

(1) Fis-6 ta' Dicembru 2006 u l-granet ta' qabel, mexxa jew opera jew halla li tigi operata jew titmexxa attivita` turistika (stabbiliment li jipprovdi l-ikel) Misto Snack Bar 18A, Tigne Sea Front, Sliema, minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk minn awtorita` kompetenti;

(2) Fis-6 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tal-11.00, pogga jew ippermetta li jitpoggew imwejjed u siggijiet

barra l-istess atbbiliment turistiku minghajr ma kellu licenzja mahruga ghalhekk minn awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Lulju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Christian Sammut hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u wara li rat l-artikoli 43(1)(a) u 18(1) ta’ l-Att ta’ l-1999 dwar Servizzi ta’ l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-regolamenti 3(1) u 17 ta’ l-Avviz Legali 175 ta’ l-2004 u r-regolament 15(1) ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-2002, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ sittin liri Maltin (Lm60);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fit-3 ta’ Awissu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija izda tbiddel il-piena nflitta u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena nflitta peress illi jirritjeni li l-ewwel Qorti ma applikatx il-piena skond il-ligi, u cioe` dik ta’ multa ta’ minimu ta’ hames mitt lira (Lm500) u massimu ta’ ghaxart elef lira (Lm10,000). Dwar it-tieni imputazzjoni jghid illi huwa minnu li l-appellat kien applika ghal permess mill-Awtorita` tat-Turizmu u dan gie aktar tard ottenut, izda taht ebda cirkostanza ma ghandha persuna tibda topera u tpoggi siggijiet barra qabel ikollha l-permessi relattivi.

Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali wara li qalet illi “ghalkemm l-akkuzi jirrizultaw teknikament, l-imputat ghamel minn kollox biex jottempera ruhu mal-ligi u fil-fatt il-licenzji kollha hargu u fil-gurnata tas-smiegh tal-kawza hu kien irregola ruhu”.

Dik il-Qorti qalet ukoll illi huwa “car li bi ftit bwon sens da parti ta’ l-Awtorita` kompetenti dan il-kaz seta’ jigi evitat”.

L-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li **“ghal ragunjiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza,”** il-Qorti tista’ taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ir-ragunijiet li semmiet l-ewwel Qorti la huma **“specjali”** u l-anqas **“straordinarji”**. Il-fatt li n-nuqqasijiet ta’ l-appellat irrizultaw lill-ewwel Qorti jfisser li l-appellat kien “ha l-ligi b’idejh” u ma qaghadx jistenna l-hrug tal-licenzji qabel ma beda jopera kif xtaq. Il-glieda kontra l-burokrazija ma ssirx b’dak il-mod. Konsegwentement l-appell ta’ l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghall-hlas ta’ multa ta’ sittin liri Maltin (Lm60) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf mija u erbgha u sittin euro u tmienja u sittin centezmu (Euro 1,164.68) u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------